

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' April 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo – Spanja) – Asociación Nacional de Grandes Empresas de Distribución (ANGED) vs Diputación General de Aragón

(Kawżi Magħquda C-236/16 u C-237/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa reġjonali fuq l-istabbilimenti kummerċjali kbar — Libertà ta' stabbiliment — Protezzjoni tal-ambjent u ppjanar tat-territorju — Għajjuna mill-Istat — Miżura selettiva)

(2018/C 211/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Asociación Nacional de Grandes Empresas de Distribución (ANGED)

Konvenut: Diputación General de Aragón

Dispożittiv

- 1) L-Artikoli 49 u 54 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux taxxa fuq l-istabbilimenti kummerċjali kbar, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 2) Taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fuq l-istabbilimenti ta' distribuzzjoni kbar li tiddependi, essenzjalment, mis-superfiċi ta' bejgħ tagħhom, ma tikkostitwixxi għajjuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, sa fejn huma eżentati minn din it-taxxa l-istabbilimenti li s-superfiċi ta' bejgħ tagħhom ma taqbiżx il-500 m² u dawk li s-superfiċi ta' bejgħ tagħhom taqbeż dan il-limitu iżda li l-valur taxxabbli tagħhom ma jaqbiżx l-2 000 m². Tali taxxa lanqas ma tikkostitwixxi għajjuna mill-Istat, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sa fejn huma eżentati minn din it-taxxa l-istabbilimenti li jeżerċitaw l-attività tagħhom fis-settur tal-bejgħ ta' makkinarju, ta' vetturi, ta' għodda u ta' provvisti industrijali, ta' materjal għall-kostruzzjoni, ta' prodotti sanitarji u ta' bibien u twieqi għall-professjonisti, ta' għamara fi stabbilimenti individwali tradizzjonali u speċjalizzati u ta' vetturi bil-mutur, kif ukoll il-ħwienet tal-ġonna u l-pompi tal-petrol, sa fejn dawn l-istabbilimenti ma jikkawżawx ħsara għall-ambjent u għall-ippjanar tat-territorju daqstant kbira daqs l-istabbilimenti l-oħra, sitwazzjoni din li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

⁽¹⁾ ĠU C 260, 18.7.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-24 ta' April 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supreme Court of the United Kingdom – ir-Renju Unit) – MP vs Secretary of State for the Home Department

(Kawża C-353/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika tal-ażil — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 4 — Direttiva 2004/83/KE — Artikolu 2(e) — Kundizzjonijiet sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika mill-protezzjoni sussidjarja — Artikolu 15(b) — Riskju ta' perikolu serju għas-saħħa psikoloġika tal-applikant fil-każ li jintbagħat lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu — Persuna li għet issuġġettata għal tortura fil-pajjiż ta' oriġini tagħha)

(2018/C 211/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Supreme Court of the United Kingdom